

Insaħħu l-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura

Il-Kontribut tal-Kummissjoni fl-Ikla ta' F'idma tal-Mexxejja Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017

#FutureOfEurope #EURoad2Sibiu

EDUKAZZJONI: KONTRIBUT GĦALL-ĦILJET U L-IMPJIEGI

EDUKAZZJONI, TAĦRIĠ U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

Kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklussivi sabiex iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.

Paragrafu 1, Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

DAK LI JEŻISTI LLUM

- ▶ **Mibdi fl-2010, is-Semestru Ewropew** jappoġġa l-Istati Membri biex isegwu riformi strutturali fl-oqsma tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ.
- ▶ Diversi **rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż** jindirizzaw l-edukazzjoni u t-taħriġ. Fi tmiem is-Semestru Ewropew tal-2017, inħarġu b'kollox ta' 16-il rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż¹ f'dan il-qasam (l-akbar numru f'qasam ta' politika speċifiku).
- ▶ Mill-2000, l-Istati Membri kienu qed jikkooperaw biex itejbu u jimmodernizzaw l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ tagħhom. **Il-qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ** huwa apprezzat mill-Istati Membri bħala strument ta' "politika mhux vinkolanti" disponibbli fil-livell tal-UE biex ifasslu l-politiki tal-edukazzjoni tagħhom.


KISBIET PRINĊIPALI SA ISSA

- ▶ Fl-2010, l-UE stabilixxiet **żewġ miri għaliha nnifisha fil-qasam tal-edukazzjoni** li jridu jintlaħqu sal-2020². L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tikseb iż-żewġ miri sa din id-data:
 - ▷ biex tnaqqas is-sehem ta' **persuni li jtitlqu kmieni mill-iskola** għal inqas minn 10% ;
 - ▷ biex iżżid is-sehem ta' persuni b'**lawrija terzjarja** għal tal-inqas 40%.


¹ il-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, ir-Renju Unit

² Il-miri stabbiliti fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020

Il-medja tal-investiment fl-edukazzjoni fl-UE hija ta' madwar 5% tal-PDG



Sors: Eurostat, 2015



Skont ċifri tal-2015 tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjenti (PISA) tal-OECD, in-nuqqas ta' prestazzjoni edukattiva fl-UE tintiret fil-parti l-kbira tagħha minn ġenerazzjoni għall-ġenerazzjoni ta' warajha. Bħala medja fl-UE, persuni b'livell edukattiv baxx minn sfond soċjali iktar baxx jammontaw għal 34% tal-popolazzjoni tal-istudenti; persuni b'livell edukattiv baxx li ġejjin minn sfond soċjali aktar għoli jirrappreżentaw 8% tal-popolazzjoni tal-istudenti.

X'JISTA' JSIR FIS-SENTEJN LI JMISS?

- ▶ **L-aġġustament tas-Semestru Ewropew**, inkluż il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li l-ewwel prinċipju tagħhom jirrigwarda l-ħiliet u l-edukazzjoni.
- ▶ **Il-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika³ jipprovdu analiżi konġunta dwar l-infiq pubbliku għall-edukazzjoni** li jista' jgħin lill-Istati Membri jagħmlu s-sistemi edukattivi tagħhom aktar effiċjenti u effettivi.

INIZJATTIVI POSSIBBLI B'PERSPETTIVA GĦALL-2025

- ▶ **It-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri** billi jitnieda mill-ġdid u jiġi aġġornat il-Qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ.
- ▶ **It-tisħiħ tar-rabta bejn l-intervenzjonijiet tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.**
- ▶ **It-twaqqif ta' tieqa tal-edukazzjoni b'saħħitha fil-finanzjament mill-UE u fl-istrumenti tal-investimenti tal-UE.**
- ▶ **It-twaqqif ta' livell minimu ta' investiment fl-edukazzjoni: tal-inqas 5% tal-PDG** għall-Istati Membri kollha, filwaqt li jiġu inkoraġġiti sorsi ta' finanzjament diversifikati.



³ Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC - Economic Policy Committee) għet stabbilit minn deċiżjoni tal-Kunsill fl- 1974 biex jipprovdi konsulenza u jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kunsill ta' Ecofin u l-Kummissjoni. L-EPC jinkludi żewġ delegati minn kull Stat Membru, mill-Kummissjoni u mill-Bank Ċentrali Ewropew.

L-ambizzjoni politika jenħtieġ li tiġi allinjata mal-mezzi ta' azzjoni u tiġi riflessa fid-diskussjonijiet futuri dwar il-finanzi tal-UE.